# HERITAGE MALTA SE TNIEDI PUBBLIKAZZJONI ESTENSIVA DWAR L-ARALDIKA MALTIJA

**Stqarrija| 19 ta' Frar 2024**

Heritage Malta, flimkien mal-Uffiċċju tal-Kap Araldista ta' Malta, qed tniedi pubblikazzjoni ġdida li tiġbor fiha dak kollu li hemm xi tkun taf dwar l-araldika Maltija.

Filwaqt li jidħol fil-fond fl-għeruq tal-araldika lokali, il-ktieb 'The Way Forward', miktub mill-Kap Araldista ta' Malta, Dott. Charles A. Gauci, jikkoreġi diversi kunċetti żbaljati li ilhom jeżistu dwar in-nobbiltà tal-imgħoddi ta' Malta u jintraċċa l-bidliet storiċi u legali ewlenin li raw lill-Gżejjer Maltin jinbidlu minn territorju fewdali għal kolonja, għal monarkija indipendenti u finalment għal repubblika sovrana.

Il-pubblikazzjoni tinkludi wkoll żewġ appendiċi li jipprovdu referenzi imprezzabbli għar-riċerkaturi dwar l-araldika Maltija. Minkejja l-abbundanza ta' armi araldiċi fil-Gżejjer Maltin, kien biss fl-2019 li nħolqot awtorità ċentrali li tirregola l-għoti tal-istemmi araldiċi, u din it-taqsima finali tiddeskrivi l-bażi legali għall-Uffiċċju tal-Kap Araldista ta' Malta.

'The Way Forward' huwa akkwist indispensabbli għal kull min hu interessat fl-istorja Maltija, in-nobbiltà tal-imgħoddi u l-araldika b'mod ġenerali.

It-tnedija tal-ktieb se ssir fil-Forti Sant'Iermu u l-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra nhar it-Tnejn 26 ta' Frar fis-18:30. L-attendenza hija bla ħlas, u m'hemmx bżonn tirriserva postok.

Għal aktar tagħrif dwar din il-pubblikazzjoni u l-opportunità li takkwista kopja online, tista' żżur din il-paġna: https://heritagemalta.mt/store/office-of-the-chief-herald-of-arms-of-malta-the-way-forward/

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta